# Ir-Riċerka u l-Iżvilupp f'Malta: 2022

NR 131/2024 Data tal-Ħruġ: 18 ta' Lulju 2024

*Fl-2022, in-nefqa kollha fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp laħqet €105.3 miljuni, jew 0.6 fil-mija tal-PDG.*



**In-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż)**

Fl-2022, kienet irreġistrata żieda ta' €5.4 miljuni, jew 5.4 fil-mija, fin-nefqa kollha fuq attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Is-settur tal-Intrapriżi kkontribwixxa 61.9 fil-mija għar-riċerka u żvilupp, filwaqt li s-setturi tal-Edukazzjoni Għolja u tal-Gvern kkontribwew 36.2 u 1.9 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. In-nefqa sħiħa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bħala % tal-PDG




In-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp marret l-aktar għar-Riċerka Bażika, li kienet tammonta għal 51.0 fil-mija tat-total tar-R&Ż fl-2022, segwita mir-Riċerka Applikata (24.8 fil-mija) u l-Iżvilupp Sperimentali (24.1 fil-mija) (Tabella nru 2).

Fl-2022, it-tliet setturi kollha rrappurtaw żieda fin-nefqa fuq ir-riċerka u żvilupp meta mqabblin mal-2021. L-ogħla nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kienet ġejja mis-settur tal-Edukazzjoni Għolja bi €3.9 miljuni. Is-settur tal-Intrapriżi rrapporta wkoll żieda ta' €1.0 miljun, filwaqt li s-settur tal-Gvern żdied b'€0.5 miljun. In-nefqa fuq il-ħaddiema kienet tirrappreżenta 71.3 fil-mija tal-infiq kollu fuq ir-riċerka u l-iżvilupp. Warajha kien hemm in-Nefqa rikorrenti oħra (19.7 fil-mija) u n-Nefqa kapitali (9.0 fil-mija) (Tabella nru 3, Ċart nru 2).

Fl-2022, l-akbar nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp kienet irreġistrata fil-qasam tal-Inġinerija u t-teknoloġija, li ammontat għal 52.1 fil-mija tan-nefqa kollha, segwita mix-Xjenzi naturali (19.3 fil-mija) u x-Xjenzi mediċi (11.6 fil-mija). Il-biċċa l-kbira tal-attività tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Inġinerija u t-teknoloġija u x-Xjenzi naturali twettqet fis-settur tal-Intrapriżi, filwaqt li r-riċerka dwar ix-Xjenzi soċjali, l-Umanistiċi, u x-Xjenzi mediċi twettqet l-aktar mis-settur tal-Edukazzjoni Għolja. Meta mqabbla mas-sena 2021, l-ogħla żieda kienet irreġistrata fix-Xjenzi naturali (€5.9 miljuni), li kienet segwita mix-Xjenzi soċjali (€1.6 miljun) (Tabella nru 4).

## Ċart nru 2. In-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bit-tip ta' nfiq fl-2022




Kull settur iħallas għall-biċċa l-kbira tar-riċerka tiegħu stess, megħjun b'fondi barranin. Ir-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-Intrapriżi huwa mħallas l-aktar minn fondi ta' intrapriżi privati. Il-fondi ġenerali tal-Università huma mogħtija għas-settur tal-Edukazzjoni Għolja, filwaqt li l-fondi diretti tal-Gvern huma mogħtija lis-settur tal-Gvern. Il-fondi barranin għar-riċerka u l-iżvilupp laħqu €9.8 miljuni, jew 9.3 fil-mija, tal-fondi kollha (Tabella nru 5).

## Ċart nru 3. L-impjiegi fir-riċerka u l-iżvilupp fl-2022




**L-impjiegi fir-riċerka u l-iżvilupp**

Fl-2022, 3,419-il impjegat wettqu xogħol marbut mar-riċerka u l-iżvilupp, li minnhom 1,969 kienu jagħmlu parti minn ħinhom fuq proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt li l-1,450 impjegat l-ieħor kienu ddedikati għalkollox għar-riċerka u l-iżvilupp. L-akbar għadd ta' impjiegi fir-riċerka u l-iżvilupp kien irreġistrat fis-settur tal-Edukazzjoni Għolja b'1,664 impjegat. Warajh kien hemm is-settur tal-Intrapriżi b'1,528 impjegat. L-akbar għadd ta' ħaddiema fost it-tekniċi u r-riċerkaturi kienu rġiel. In-nisa kienu jlaħħqu 37.1 fil-mija tal-ħaddiema kollha fir-riċerka u l-iżvilupp (Tabella nru 6, Ċart nru 3).

Fost l-oqsma tax-xjenza, l-akbar għadd ta' impjiegi kien irreġistrat fl-Inġinerija u t-teknoloġija b'1,211-il ħaddiem; warajhom kien hemm ix-Xjenzi naturali u u x-Xjenzi mediċi b'747 u b'583 ħaddiem, rispettivament (Tabella nru 7, Ċart nru 4).

**L-allokazzjoni għar-riċerka u l-iżvilupp fil-Baġit tal-Gvern**

L-allokazzjonijiet tal-Baġit tal-Gvern għar-riċerka u l-iżvilupp (GBARD) għall-2023 laħqu l-€50.4 miljun, żieda ta' €10.8 miljuni meta mqabbla mal-2022. L-akbar nefqa tal-GBARD kienet irreġistrata fl-Avvanz ġenerali tal-għarfien: Riċerka u Żvilupp iffinanzjati minn Fondi Ġenerali tal-Università b'€39.2 miljun (Tabella nru 8).

## Ċart nru 4. L-impjiegi fir-riċerka u l-iżvilupp bis-setturi ewlenin tax-xjenza fl-2022

